IL-KNISJA F'MALTA

UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI
Arċidjoċesi ta' Malta

30 ta' Settembru 2014
102/2014

## L-ISQOF MARIO GRECH IĦALLI MALTA GĦAS-SINODU TAL-ISQFIJIET

**Data: L-Erbgħa, l-1 ta' Ottubru 2014**

Post: *Ministerial Lounge,* l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta (MIA)

Ħin: 3:45 p.m.

L-Isqof ta' Għawdex, Mons. Mario Grech, li huwa wkoll il-President tal-Konferenza Episkopali Maltija, ser jindirizza konferenza tal-aħbarijiet qabel iħalli Malta għada biex jattendi għas-Sinodu tal-Isqfijiet li sejjaħ il-Papa Franġisku. L-Assemblea Ġenerali Straordinarja tas-Sinodu tal-Isqfijiet, bit-tema 'L-isfidi pastorali tal-familja fil-kuntest tal-evanġelizzazzjoni', tibda nhar il-Ħadd 5 ta' Ottubru u tintemm il-Ħadd 19 ta' Ottubru 2014.

Matul din il-konferenza tal-aħbarijiet, l-Isqof Mario Grech ser jispjega l-proċess ta' konsultazzjoni li sar f'Malta bi tħejjija għal dan is-Sinodu tal-Isqfijiet, il-parteċipazzjoni tiegħu fil-laqgħat li ser isiru, filwaqt li ser jingħata tagħrif ġenerali dwar dan is-Sinodu.

L-Uffiċċju Komunikazzjoni ser jagħti wkoll informazzjoni dwar il-mod kif il-media lokali ser tinżamm aġġornata dwar dak li jkun għaddej fil-Vatikan matul dan l-avveniment importanti għall-Knisja Universali.

Kurja tal-Arċisqof
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

Indirizz
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90,
Head Office, Marsa, MRS1000

Tel. +356 2124 1281
Email. info@maltadiocese.org
www.thechurchinmalta.org